

DEĊIŻJONI (UE) 2019/47 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tad-29 ta' Novembru 2018****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro (BĊE/2018/31)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2018/27) ⁽¹⁾ tipprovdi għall-aġġustament tal-iskema għas-sottoskrizzjoni għall-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (iktar 'il quddiem l-"iskema tal-kapital") skont l-Artikolu 29.3 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u tistabbilixxi, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019, ponderazzjonijiet ġodda assenjati lil kull bank ċentrali nazzjonali (BĊN) fl-iskema tal-kapital aġġustata (iktar 'il quddiem il-"ponderazzjonijiet tal-iskema tal-kapital").
- (2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 ⁽²⁾ jiddefinixxi l-"iskema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus" u jirreferi għall-Anness I għal dik id-Deċiżjoni, li jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2015. Peress li l-ponderazzjonijiet ġodda tal-iskema tal-kapital se jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019, id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 għandha tiġi emendata sabiex tiddetermina l-iskema ta' distribuzzjoni tal-karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emenda**

1. L-aħħar sentenza tal-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija ssostitwita b'dan li ġej:
"L-Anness I għal din id-Deċiżjoni jispeċifika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019."
2. L-Anness I għad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 huwa sostitwit mit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-29 ta' Novembru 2018.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2019/43 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew u li tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2013/28 (BĊE/2018/27) (ara paġna 178 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus euro (ĠUL 35, 9.2.2011, p. 26).

ANNEX

"ANNEX I

SKEMA TA' DISTRIBUZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS MILL-1 TA' JANNAR 2019

	%
Il-Bank Ċentrali Ewropew	8,0000
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,3410
Deutsche Bundesbank	24,2720
Eesti Pank	0,2600
Central Bank of Ireland	1,5535
Bank of Greece	2,2850
Banco de España	11,0200
Banque de France	18,7735
Banca d'Italia	15,5970
Central Bank of Cyprus	0,1985
Latvijas Banka	0,3610
Lietuvos bankas	0,5365
Banque centrale du Lussemburgu	0,3000
Il-Bank Ċentrali ta' Malta	0,0965
De Nederlandsche Bank	5,3755
Oesterreichische Nationalbank	2,6860
Banco de Portugal	2,1630
Banka Slovenije	0,4440
Národná banka Slovenska	1,0575
Suomen Pankki	1,6795
TOTAL	100,0000"